Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 926/2011

tat-12 ta' Settembru 2011

għall-iskopijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lil-laboratorji ta' referenza tal-UE għall-għalf u l-ikel u s-settur tas-saħħa tal-annimali

(ĠU L 241, 17.9.2011, p. 2)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 135/2013 tat-18 ta' Frar 2013	L 46	8	19.2.2013

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 926/2011

tat-12 ta' Settembru 2011

għall-iskopijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lil-laboratorji ta' referenza tal-UE għall-għalf u l-ikel u s-settur tas-saħħa tal-annimali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni lejn miżuri ta' spezzjoni fil-kamp veterinarju. Skont dik id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi fit-titjib tal-effiċjenza tal-ispezzjonijiet veterinarji billi tagħti għajnuna finanzjarja lil-laboratorji ta' referenza tal-UE u dawk ta' kollegament tal-UE. Hi tistipula li kull laboratorju ta' kollegament jew ta' referenza tal-UE li jkun nominat bħala tali skont il-leġiżlazzjoni veterinarja tal-Unjoni u li jaqdi d-dmirijiet u r- rekwiżiti li hemm imniżżla fiha, jista' jirċevi għajnuna mill-Unjoni.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali [2], jistabbilixxi l-kompiti, id-dmirijiet u r-rekwiżiti ġenerali għal-laboratorji ta' referenza tal-UE għall-ikel u l-għalf u għas-saħħa tal-annimali u l-annimali ħajjin. Il-laboratorji ta' referenza tal-UE għall-ikel u l-għalf huma mniżżla fil-Parti I filwaqt li l-laboratorji ta' refernza tal-UE għas-saħħa tal-annimali u l-annimali ħajjin huma mniżżla fil-Parti II tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(3) Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 1754/2006 tat-28 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Komunità lil-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-għalf u l-ikel tal-annimali u għas-settur tas-saħħa tal-annimali [3] jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għall-operat tal-laboratorji ta' referenza tal-UE, kif jistipulaw l-Artikolu 31 tad-Deċiżjoni 2009/470/KE u l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, u għall-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma.

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
[2] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
[3] ĠU L 331, 29.11.2006, p. 8.

▼B

(4) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1754/2006, ir-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-laboratorji ta' referenza tal-UE individwali għandha tiġi stabbilita permezz ta' ftehimiet ta' sħubija. It-tul ta' żmien ta' ftehimiet ta' sħubija hu ta' ħames snin u dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn programm ta' ħidma multiannwali.

(5) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE huma elenkati fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Iċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka inħatar għal xi wħud minnhom. Billi dan huwa direttorat ġenerali tal-Kummissjoni, dan ir-Regolament ma japplikax għalih. Ir-regoli li fuqhom titmexxa l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għaċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka huma stabbiliti fl-arranġament amministrattiv annwali.

(6) Il-livell tal-għajnuna finanzjarja annwali tal-Unjoni għall-attività ta' ċerti laboratorji ta' referenza tal-UE huwa deċiż fuq bażi ta' kull sena permezz ta' deċiżjonijiet finanzjarji annwali marbuta mas-sikurezza tal-għalf u l-ikel u s-saħħa tal-annimali u l-annimali ħajjin.

(7) Fl-2008, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) wettaq verifika fuq immaniġġjar ta' għotja f'attività tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa u l-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti. L-IAS ikkonkluda li r-regoli dettaljati dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lil-laboratorji ta' referenza tal-UE għall-għalf u l-ikel u s-settur tas-saħħa tal-annimali għandhom jiġu ssimplifikati. Biex jiġu ssimplifikati r-regoli, l-IAS issuġġerixxa li l-Kummissjoni tkompli tadotta deċiżjonijiet finanzjarji annwali *fuq bażi ta' kull sena*, iżda mingħajr il-ħtieġa ta' ftehimiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u kull laboratorju ta' referenza individwali tal-UE.

(8) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE jeħtieġu li jorganizzaw laqgħat u attivitajiet ta' taħriġ b'mod regolari. Għaldaqstant, l-attivitajiet u l-laqgħat għandhom jiġu miżjuda mal-lista tan-nefqa eliġibbli ta' dan ir-Regolament.

(9) Għal raġunijiet ta' kontroll finanzjarju, l-Artikoli 9, 36 u 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni [1] huma applikabbli.

(10) Minħabba li għandhom isiru għadd ta' emendi lir-Regolament (KE) Nru 1754/2006, dak ir-Regolament għandu, f'ġieħ iċ-ċarezza, jiġi revokat u jeħodlu postu dan ir-Regolament, filwaqt li jiġi kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(11) Dan ir-Regolament għandu japplika għal-laboratorji ta' referenza kollha tal-UE li l-ftehimiet ta' qafas tal-isħubija tagħhom jintemmu fl-2011 u għal-laboratorji ta' referenza tal-UE li l-ftehimiet ta' qafas tal-isħubija tagħhom jiġu terminati permezz ta' ftehim reċiproku. Fil-każ ta' laboratorji ta' referenza tal-UE, li l-ftehimiet ta' qafas tal-isħubija tagħhom ma jiġux terminati, jibqa' japplika r-Regolament (KE) Nru 1754/2006.

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

▼B

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u d-Deċiżjoni 2009/470/KE fir-rigward tal-arranġament għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni stipulata fl-Artikolu 32(7) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u l-Artikolu 31(1) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE għall-attivitajiet tal-laboratorji ta' referenza tal-UE ("laboratorji") għajr iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka, inkluż għall-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma, u l-kundizzjonijiet li skonthom tingħata din l-għajnuna.

Dan ir-Regolament għandu japplika għal-laboratorji ta' referenza kollha tal-UE li l-ftehimiet ta' qafas tal-isħubija tagħhom jintemmu fl-2011 u għal-laboratorji ta' referenza tal-UE li l-ftehimiet ta' qafas tal-isħubija tagħhom jiġu terminati permezz ta' ftehim reċiproku. Fil-każ ta' laboratorji tal-UE, li l-ftehimiet ta' qafas tal-isħubija tagħhom ma jiġux terminati, jibqa' japplika r-Regolament (KE) Nru 1754/2006.

Artikolu 2

Programm ta' ħidma u baġit stmat

1. Il-laboratorji għandhom, sal-1 ta' Settembru ta' kull sena kalendarja "n":

(a) jiffissaw l-attivitajiet tal-Unjoni ppjanati matul is-sena kalendarja "n + 1", inkluża l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma, ("il-programm ta' ħidma") b'kollaborazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni;

(b) jissottomettu lill-Kummissjoni:

(i) il-programm ta' ħidma;

(ii) il-baġit stmat għal kull attività li tikkonċerna n-nefqa tal-programm ta' ħidma ("il-baġit stmat").

2. Il-laboratorji għandhom jipprovdu l-baġit stmat b'forma elettronika b'konformità mal-Annessi I(a) u I(b).

Artikolu 3

Rata tal-kambju

Għal baġits stmati f'munita oħra għajr l-euro, il-Kummissjoni għandha tapplika l-ewwel rata tal-kambju ffissata f'Settembru tas-sena "n", kif maħruġa fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

Artikolu 4

L-approvazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni finanzjarja annwali ("id-deċiżjoni finanzjarja annwali") li tapprova l-programmi ta' ħidma u l-baġits korrespondenti għal-laboratorji kollha.

Kwalunkwe emenda għall-programmi ta' ħidma għandha tkun suġġetta għall-ftehim miktub minn qabel tal-Kummissjoni.

Artikolu 5

Prefinanzjament

Wara l-addozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni finanzjarja annwali, il-laboratorji jistgħu jitolbu prefinanzjament li jammonta għal 70 % tal-għajnuna totali għall-programm ta' ħidma tagħhom.

▼M1

Artikolu 6

Pagament tal-għajnuna

Il-bilanċ tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi ta' ħidma għandu jitħallas lil-laboratorji wara li huma jippreżentaw ir-rapporti finanzjarji u tekniċi msemmija fl-Artikoli 11(1) u wara l-approvazzjoni ta' dawk ir-rapporti mill-Kummissjoni.

▼B

Artikolu 7

Dokumenti ta' sostenn

1. Il-laboratorji għandhom jirreġistraw in-nefqa tal-programmi ta' ħidma fis-sistema tal-kontabbilità tal-kostijiet tagħhom u jżommu d-dokumenti oriġinali jew kopji ċċertifikati kollha għal seba' snin għal finijiet ta' kontroll finanzjarju.

2. Il-laboratorji għandhom iżommu d-dokumenti ta' sostenn oriġinali jew kopji ċċertifikati tad-dokumenti ta' sostenn kollha marbuta mal-programm ta' ħidma li jirċievi għajnuna finanzjarja tal-Unjoni.

3. Id-dokumenti ta' sostenn, li jservu ta' xhieda għan-nefqa kollha msemmija fl-applikazzjoni għal rimborż, għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fuq rikjesta.

Artikolu 8

Kontrolli

Għal finijiet ta' kontroll finanzjarju, japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

▼M1

KAPITOLU II

ATTIVITAJIET TAL-LABORATORJI

Artikolu 9

Definizzjonijiet

▼B

L-attivitajiet tal-laboratorji huma definiti bħala dawk il-kompiti li jfeġġu mir-responsabbiltajiet tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

▼M1

Sessjoni ta' ħidma hija definita bħala data għal laqgħa annwali ta' informazzjoni u koordinazzjoni li għaliha l-Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali kollha huma mistiedna mil-laboratorji.

Artikolu 10

Eliġibbiltà

1. L-infiq relatat ma' dawn il-punti ta' nfiq huwa eliġibbli fl-ambitu tal-programm ta' ħidma tal-laboratorji:

(a) persunal dedikat għall-attivatijiet tal-laboratorju;

(b) sottokuntrattar;

(c) tagħmir kapitali;

(d) oġġetti konsumabbli;

(e) il-bgħit ta' kampjuni għal testijiet komparattivi;

(f) missjonijiet;

(g) sessjonijiet ta' ħidma li għalihom ikun ġie mistieden mill-anqas parteċipant wieħed minn kull Stat Membru;

(h) attivitajiet ta' taħriġ;

(i) laqgħat;

(j) l-ispejjeż ġenerali.

2. In-nefqa msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun eliġibbli fil-limiti ffissati fid-deċiżjoni finanzjarja annwali rilevanti u skont ir-regoli tal-eliġibbiltà ffissati fl-Annessi II u IV.

3. Il-laboratorji għandhom jippreżentaw talba bil-miktub lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha minn qabel, biex iżżid il-baġit ta' xi wieħed mill-punti ta' nfiq imsemmija fil-Paragrafu 1 b'aktar minn 10 % u bla ma jinqabżu l-ispejjeż eliġibbli totali stipulati fid-deċiżjoni finanzjarja annwali.

▼M1

Artikolu 11

Il-preżentazzjoni tar-rapporti dwar il-programmi ta' ħidma tal-laboratorji

1. Il-laboratorji għandhom jippreżentaw dawn ir-rapporti lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja "n + 2":

(a) verżjoni stampata u verżjoni elettronika tar-rapport finanzjarju tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma għas-sena kalendarja preċedenti li jkun tħejja skont l-Annessi III(a) u III(b);

(b) rapport tekniku tal-attivitajiet tagħhom, iċċertifikat mid-direttur tekniku tal-laboratorju.

2. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tista' titnaqqas mill-Kummissjoni jekk il-programm ta' ħidma ma jkunx twettaq għalkollox jew ikun ġie mwettaq ħażin sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li għaliha jkun ġie approvat.

▼B

Artikolu 12

Ir-rati tal-kambju għal ħlasijiet f'munita oħra għajr l-euro

Għal rikjesti li jirrigwardjaw il-ħlasijiet tal-bilanċi sottomessi f'munita oħra għajr l-euro, il-Kummissjoni għandha tapplika l-ewwel rata tal-kambju ffissata f'Marzu tas-sena "n", kif tkun inħarġet fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼M1

_____

_____

_____

▼B

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 18

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 1754/2006 huwa rrevokat.

Referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1754/2006, għandhom jiftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni mogħtija lil-laboratorji mill-2012 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

ANNESS I(a)

(ara l-Artikolu 2(2))

Baġit stmat skont kull attività, f'EUR:

	Spejjeż tal-persunal	Sottokuntrattar	Tagħmir kapitali	Oġġetti konsumabbli	Il-bgħit ta' kampjuni għal testijiet komparattivi	Missjonijiet	Sessjonijiet ta' ħidma	Attivitajiet ta' taħriġ	Laqgħat
Attività numru 1									
Attività numru 2									
Attività numru 3									
Attività numru N									
Total									

▼**M1**

ANNESS I(b)

(ara l-Artikolu 2(2))

Bağit stmat għall-infiq tal-laboratorji fir-rigward ta' attivatijiet tal-Unjoni għas-sena kalendarja koperta minn dak il-bağit

Isem u indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza tal-UE:

Numru tal-kont bankarju li fih l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas:

IMPORTANTI: L-ispejjeż kollha għandhom jiġu indikati f'EUR

1. PERSUNAL

Kategorija (1)	Status (2)	Salarju gross fix-xahar (3)	Ħin iddedikat għall-programm ta' ħidma (4)	Spejjeż eliġibbli totali
TOTAL:				

(1) Din trid tkun speċifikata għal kull persuna involuta fil-proġett: Xjenzat superjuri, xjenzat subaltern, tekniku, eċċ.
(2) Uffiċjal pubbliku, persunal b'kuntratt, eċċ. — għall-persunal b'kuntratt, indika d-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-kuntratt.
(3) Is-salarju gross fix-xahar effettiv (tagħmilx użu minn skali ta' ħlas), inklużi l-ispejjeż soċjali u spejjeż oħrajn li jidhru fir-rendikont tas-salarju.
(4) Ikkalkulat fuq il-bażi ta' referenza ta' 220 jum ta' xogħol/sena (20 jum ta' xogħol/xahar).

Perċentwali tal-bağit globali tal-laboratorju: … %

2. SOTTOKUNTRATTAR

Deskrizzjoni	Spiża mingħajr il-VAT	VAT	Spiża totali
TOTAL:			

Perċentwali tal-bağit globali tal-laboratorju: … %

3. TAGĦMIR KAPITALI

	Deskrizzjoni	Spiża mingħajr il-VAT	VAT	Spiża/valur totali	Data taxxiri jew kiri	Data talkunsinja	Perjodu ta' diprezzament (36 jew 60 xahar)	Il-perċentwali ta' użu għall-programm ta' ħidma	Spiża ta' diprezzament annwali
2.1. Tagħmir li jrid jinkiseb matul il-perjodu kkonċernat									
2.2. Tagħmir miksub qabel il-perjodu kkonċernat									
TOTAL:									

Perċentwali tal-bağit globali tal-laboratorju: … %

▼M1

4. OĠĠETTI KONSUMIBBLI

Deskrizzjoni skont it-tip (1)	Spiża mingħajr il-VAT	VAT	Spiża totali
TOTAL:			

(1) Eżempji: reaġenti, annimali għall-ittestjar, tagħmir żgħir għal-laboratorju, eċċ.

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

5. IL-BGĦIT TA' KAMPJUNI GĦAL TESTIJIET KOMPARATTIVI

Deskrizzjoni	Fornitur	Spiża mingħajr il-VAT	VAT	Spiża totali
TOTAL:				

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

6. MISSJONIJIET

Deskrizzjoni	Spejjeż tal-ivvjaġġar	Spejjeż ta' lukandi	Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum	Total
TOTAL:				

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

7. SESSJONIJIET TA' ĦIDMA

	Spiża
Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-parteċipanti:	
Spejjeż ta' lukandi:	
Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum li għandu jitħallas lill-parteċipanti:	
TOTAL:	

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

8. ATTIVITAJIET TA' TAĦRIĠ

	Spiża
Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-parteċipanti:	
Spejjeż ta' lukandi:	
Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum li għandu jitħallas lill-parteċipanti:	
TOTAL:	

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

▼**M1**

9. LAQGĦAT

Deskrizzjoni	Spejjeż tal-ivvjaġġar	Spejjeż ta' lukandi	Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum	Total
TOTAL:				

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

10. SPEJJEŻ ĠENERALI (OVERHEADS) U NEFQA TOTALI GĦALL-ATTIVITAJIET

Subtotal tal-punti ta' nfiq elenkati fit-tabelli, fil-punti 1 sa 9	
Spejjeż ġenerali: 7 % tas-subtotal	
NEFQA TOTALI:	

▼M1

ANNESS II

Ir-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli għall-infiq relatat ma' persunal, sottokuntrattar, tagħmir kapitali, oġetti konsumibbli, il-bgħit ta' kampjuni għat-testijiet komparattivi, missjonijiet, sessjonijiet ta' ħidma, attivitajiet ta' taħriġ, laqgħat u mal-ispejjeż ġenerali (overheads)

(ara l-Artikolu 10(2))

1. **Persunal**

L-ispejjeż tal-persunal, irrispettivament mill-istatus tal-persunal, għandhom jiġu limitati għall-ispejjeż tal-pagi effettivament imħallsa, jiġifieri r-remunerazzjoni, il-pagi, il-piżijiet soċjali u l-ispejjeż tal-irtirar, lill-persunal speċifikament allokat, b'mod sħiħ jew b'mod parzjali, għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma.

Il-ħin totali ta' xogħol tal-persunal dedikat għall-programm ta' ħidma għandu jiġi rreġistrat u ċċertifikat fuq bażi ta' 220 jum ta' xogħol/sena (20 jum ta' xogħol/xahar). Ir-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni għandhom isiru mill-inqas darba f'xahar mill-kap maħtur tal-proġett jew minn membru superjuri awtorizzat tal-persunal tal-laboratorji.

2. **Sottokuntrattar**

Ir-rimborżi għandhom jissejsu fuq l-ispejjeż attwalment imġarrba.

3. **Tagħmir kapitali**

It-tagħmir mixtri, mikri fit-tul jew mikri għandu jkun eliġibbli bħala tip ta' spejjeż diretti. L-ammont rimborsabbli għat-tagħmir mikri ma jistax jaqbeż l-ammont li bih it-tagħmir seta' ġie mixtri. L-ispejjeż rimborsabbli għandhom jiġu kalkulati kif ġej:

$$\frac{A \times C \times D}{B}$$

A = il-perjodu ta' xhur li fih it-tagħmir jiġi użat għall-programm ta' ħidma, mid-data tal-konsenja

B = il-perjodu ta' diprezzament ta' 60 xahar (36 xahar f'każ ta' tagħmir ta' kompjuters li jiswa inqas minn EUR 25 000)

C = l-ispiża għat-tagħmir

D = il-perċentwali ta' użu tat-tagħmir għall-programm ta' ħidma.

Għal tagħmir kapitali li jiswa anqas minn EUR 3 000 tista' tiġi ddikjarata l-ispiża kollha. Ma hemm l-ebda dipprezzament fuq tali tagħmir.

4. **Oġġetti konsumabbli**

Ir-rimborżi għandhom jissejsu fuq l-ispejjeż attwalment imġarrba.

L-infiq kollu l-ieħor għall-amministrazzjoni, l-ivvjaġġar għan-negozju li mhux għall-missjonijiet indikati fil-punt 6 u għas-servizzi segretarjali għandu jitqies li jiġi kopert taħt "Spejjeż ġenerali (overheads)" imsemmija fil-punt 10.

5. **Il-bgħit ta' kampjuni għal testijiet komparattivi**

Ir-rimborż għandu jkun imsejjes fuq l-ispejjeż attwalment imġarrba għall-bgħit tal-kampjuni għal testijiet komparattivi.

6. **Missjonijiet**

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' lukandi mġarrba mill-persunal tal-laboratorji għall-missjonijiet skedati msemmija fil-programm ta' ħidma għandhom jiġu rimborżati, skont l-Anness IV. Il-kumpens għas-sussistenza ta' kuljum għandu jingħata skont l-anness IV.

▼M1

7. **Sessjonijiet ta' ħidma**

Infiq relatat mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż ta' lukandi u l-kumpens għas-sussistenza ta' kuljum għal massimu ta' 32 parteċipant fis-sessjonijiet ta' ħidma għandu jkun eliġibbli fl-ambitu tal-organizzazzjoni tas-sessjonijiet ta' ħidma.

Infiq ieħor addizzjonali relatat mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż ta' lukandi u l-kumpens għas-sussistenza ta' kuljum għal massimu ta' tliet kelliema mistiedna fis-sessjonijiet ta' ħidma għandu jkun eliġibbli fl-ambitu tal-organizzazzjoni tas-sessjonijiet ta' ħidma.

Infiq ieħor addizzjonali relatat mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż ta' lukandi u l-kumpens għas-sussistenza ta' kuljum għal massimu ta' għaxar rappreżentanti ta' pajjiżi terzi fis-sessjonijiet ta' ħidma għandu jkun eliġibbli fl-ambitu tal-organizzazzjoni tas-sessjonijiet ta' ħidma.

8. **Attivitajiet ta' taħriġ**

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' lukandi mġarrba minn massimu ta' 32 rappreżentant tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali għal attivitajiet ta' taħriġ stipulati fil-programm ta' ħidma għandhom jiġu rimborżati skont l-Anness IV. Il-kumpens għas-sussistenza ta' kuljum għandu jingħata skont l-Anness IV.

9. **Laqgħat**

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' lukandi mġarrba minn massimu ta' tmien esperti esterni (jiġifieri esperti li mhumiex membri tal-persunal tal-laboratorji ta' referenza tal-UE) għal laqgħat li jsiru fil-bini tal-laboratorji u skedati fil-programm ta' ħidma għandhom jiġu rimborżati skont l-Anness IV. Il-kumpens għas-sussistenza ta' kuljum għandu jingħata skont l-Anness IV.

10. **Spejjeż ġenerali**

Kontribuzzjoni ta' rata fissa ta' 7 % tal-ispejjeż eliġibbli attwali, ikkalkulati abbażi tal-ispejjeż diretti kollha elenkati fil-punti 1 sa 9, għandha ssir b'mod awtomatiku.

▼**M1**

ANNESS III(a)

(ara l-Artikolu 11(1)(a))

Rapport finanzjarju skont l-attività

Nefqa skont l-attività, f'EUR:

	Spejjeż tal-persunal	Sottokuntrattar	Tagħmir kapitali	Oġġetti konsumabbli	Il-bgħit ta' kampjuni għal testijiet komparattivi	Missjonijiet	Sessjonijiet ta'ħidma	Attivitajiet ta' taħriġ	Laqgħat
Attività numru 1									
Attività numru 2									
Attività numru N									
Total									

▼**M1**

ANNESS III(b)

(ara l-Artikolu 11(1)(a))

Rapport finanzjarju ċċertifikat

Sena:

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni finanzjarja annwali:

Isem u indirizz tal-laboratorju:

Limitu fuq l-għajnuna finanzjarja annwali tal-Unjoni:

Kategorija tal-ispejjeż	Baġit stmat	Spejjeż iddikjarati
1. Persunal		
2. Sottokuntrattar		
3. Tagħmir kapitali		
4. Oġġetti konsumabbli		
5. Il-bgħit ta' kampjuni għal testijiet komparattivi		
6. Missjonijiet		
7. Sessjonijiet ta' ħidma		
8. Attivitajiet ta' taħriġ		
9. Laqgħat		
Subtotal		
10. Spejjeż ġenerali: 7 % tas-subtotal		
Total		

Ċertifikazzjoni mil-laboratorju:

Niċċertifikaw li:

— in-nefqa elenkata hawn fuq saret inkonnessjoni mal-attivitajiet tal-Unjoni ddefiniti fil-programm ta' ħidma u kienet meħtieġa għat-twettiq ta' dawk l-attivitajiet tal-Unjoni,

— in-nefqa ġiet imġarrba verament, ġiet reġistrata b'eżattezza u hija eliġibbli skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 926/2011,

— id-dokumenti kollha ta' sostenn relatati man-nefqa huma disponibbli għall-finijiet ta' spezzjoni,

— ma ġiet rikjesta ebda għajnuna finanzjarja oħra tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-laboratorji ta' referenza tal-UE fir-rigward tar-rapport finanzjarju ppreżentat,

— l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex il-fini jew l-effett li tipproduċi qligħ għall-benefiċjarju fir-rigward tar-rapport finanzjarju ppreżentat.

Data:	Data:
Isem id-Direttur Tekniku:	Isem l-Uffiċjal Finanzjarju:
Firma:	Firma:

▼**M1**

Klassifikazzjoni skont il-kategorija

(f'EUR)

1. PERSUNAL

Isem il-persuna	Kategorija	Status	Salarju gross fix-xahar	Ħin iddedikat għall-programm ta' ħidma (għadd ta' ġranet)	Spejjeż eliġibbli totali
TOTAL:					

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

2. SOTTOKUNTRATTAR

Deskrizzjoni	Fornitur	Spiża mingħajr il-VAT	VAT	Spiża totali
TOTAL:				

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

3. TAGĦMIR KAPITALI

	Deskrizzjoni	Spiża mingħajr il-VAT	VAT	Spiża/ Valur totali	Data taxxiri jew talkiri	Data talkonsenja	Perjodu ta' diprezzament (36 jew 60 xahar)	Il-perċentwali talużu għall-proġett	Spiża ta' diprezzament annwali
2.1 Tagħmir miksub għall-finijiet tal-programm ta' ħidma									
2.2 Tagħmir miksub qabel ma nbeda l-programm ta' ħidma									
TOTAL									

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

4. OĠĠETTI KONSUMIBBLI

Deskrizzjoni skont it-tip ([1])	Fornitur	Spiża mingħajr il-VAT	VAT	Spiża totali
TOTAL				

([1]) Klassifikazzjoni dettaljata hija meħtieġa

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

▼**M1**

5. IL-BGĦIT TA' KAMPJUNI GĦAL TESTIJIET KOMPARATTIVI

Deskrizzjoni	Fornitur	Spiża minbarra il-VAT	VAT	Spiża totali
TOTAL				

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

6. MISSJONIJIET

Deskrizzjoni	Spejjeż tal-ivvjaġġar	Spejjeż ta' lukandi	Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum	Spiża totali
TOTAL				

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

7. SESSJONIJIET TA' ĦIDMA

	Spiża
Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-parteċipanti:	
Spejjeż ta' lukandi:	
Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum li għandu jitħallas lill-parteċipanti:	
TOTAL	

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

8. ATTIVITAJIET TA' TAĦRIĠ

	Spiża
Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-parteċipanti:	
Spejjeż ta' lukandi:	
Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum li għandu jitħallas lill-parteċipanti:	
TOTAL	

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

9. LAQGĦAT

Deskrizzjoni	Spejjeż tal-ivvjaġġar	Spejjeż ta' lukandi	Kumpens għas-sussistenza ta' kuljum	Spiża totali
TOTAL				

Perċentwali tal-baġit globali tal-laboratorju: … %

▼**M1**

10. SPEJJEŻ ĠENERALI (OVERHEADS) U NEFQA TOTALI GĦALL-ATTIVITAJIET

Subtotal tal-punti ta' nfiq elenkati fit-tabelli, fil-punti 1 sa 9	
Spejjeż ġenerali: 7 % tas-subtotal	
NEFQA TOTALI:	

▼M1

ANNESS IV

(ara l-Artikolu 10(2))

Ir-regoli tal-eliġibbiltà applikabbli għall-infiq relatat ma' missjonijiet, sessjonijiet ta' ħidma, attivitajiet ta' taħriġ u laqgħat

▼B

I. SPEJJEŻ TAL-IVVJAĠĠAR

1. BILJETTI U SPEJJEŻ TAL-IVVJAĠĠAR

1.1. **Regoli ġenerali**

Il-parteċipanti għandhom jużaw l-aktar mezz ta' trasport xieraq u kosteffiċjenti. Kemm jista' jkun, għandu jintuża t-trasport pubbliku jew trasport kondiviż, b'kunsiderazzjoni, fost affarijiet oħra, tal-impatt fuq l-ambjent.

Kull vjaġġar jitqies li jibda mill-bini tal-laboratorji. Il-parteċipanti huma responsabbli direttament minn kull vjaġġ żejjed magħmul għal raġunijiet privati, inklużi tluq minn u/jew ritorni lejn kwalunkwe post ieħor, u għandhom jindikaw dawn it-tipi ta' vjaġġi żejda u jħallsu l-ispejjeż eċċessivi involuti.

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba għall-parteċipazzjoni fis-sessjoni ta' ħidma għandhom jiġu rimborżati esklussivament abbażi tal-aktar mezz ta' trasport xieraq u kosteffiċenti bejn il-bini tal-laboratorji u l-post fejn tkun qed tiġi organizzata s-sessjoni ta' ħidma.

Ir-rimborż isir b'kunsiderazzjoni tat-tul ta' żmien tal-laqgħat u għandu jissejjes fuq l-aqwa rati disponibbli fost ir-rati preferenzjali nnegozjati u nollijiet promozzjonali oħrajn disponibbli fis-suq.

1.2. **Vjaġġar bil-ferrovija**

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rrimborżati għal vjaġġ fl-ewwel klassi permezz tal-iqsar u l-irħas rotta.

1.3. **Vjaġġar bl-ajru**

(1) L-ivvjaġġar bl-ajru għandu jiġi bbukkjat, bl-irħas rati disponibbli, b'kunsiderazzjoni tat-tul ta' żmien tal-laqgħat:

(a) fil-klassi economy jew ekwivalenti;

(b) fil-klassi business jew ekwivalenti, jekk il-vjaġġ ikun jinkludi talanqas segment wieħed li jinvolvi almenu erba' sigħat ta' titjira kontinwa.

(2) Meta l-kundizzjonijiet tan-noll jirrikjedu li wieħed jalloġġja barra tul tmiem il-ġimgħa (Sunday rule), tista' titħallas kumpens ta' kuljum addizzjonali jekk kollox ma' kollox dan ikun kosteffiċenti.

Il-parteċipanti għandhom jirrikjedu u jżommu mingħand l-aġenzija tal-ivvjaġġar approvata r-rati differenti disponibbli (inkluża/eskluża l-inklużjoni ta' tmiem il-ġimgħa) biex tiddieħed l-aktar deċiżjoni kosteffiċenti. Madankollu, il-parteċipanti mhumiex obbligati li jqattgħu tmiem il-ġimgħa fil-post tas-sessjoni ta' ħidma purament biex jittieħdu l-irħas arranġamenti tal-ivvjaġġar.

Il-biljetti użati, il-kartun tal-imbark oriġinali, u l-fatturi tal-lukandi għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni fuq rikjesta.

▼B

1.4. **Vjaġġar bil-karozza għal raġunijiet professjonali**

L-ivvjaġġar bil-karozza huwa awtorizzat jekk ikun kosteffiċenti meta mqabbel mal-ivvjaġġar bl-ajru jew bil-ferrovija, partikolarment meta l-istess karozza jivvjaġġaw biha għadd ta' parteċipanti.

L-ivvjaġġar bil-karozza privata għal raġunijiet professjonali huwa awtorizzat. Madankollu, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar marbut mad-distanza koperta għandu jiġi rimborżat sa massimu ta' EUR 0,22/kull km.

1.5. **Taksi — Ipparkjar — Pedaġġ — Trasport pubbliku (xarabank, tramm, metro)**

Il-kumpens ta' kuljum normalment titqies li tkopri l-ispejjeż kollha mġarrba mill-parteċipanti li jattendu sessjoni ta' ħidma. L-ispejjeż konnessi mat-trasport pubbliku, nollijiet tat-taksi, pedaġġ u pparkjar mhumiex spejjeż eliġibbli għar-rimborż.

II. IL-KUMPENS TA' KULJUM

Kalkolu

Il-kumpens ta' kuljum għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

Tul tal-missjoni:

— sitt sigħat jew anqas: 20 % tal-kumpens ta' kuljum u kwalunkwe spejjeż tal-ivvjaġġar abbażi ta' dokumenti ta' xhieda,

— aktar minn sitt sigħat izda mhux aktar minn tnax-il siegħa: nofs il-kumpens ta' kuljum,

— aktar minn tnax-il siegħa izda mhux aktar minn tletin siegħa: il-kumpens ta' kuljum,

— aktar minn tletin siegħa izda mhux aktar minn sitta u tletin siegħa: il-kumpens ta' kuljum darba u nofs,

— aktar minn sitta u tletin siegħa izda mhux aktar minn erba' u ħamsin siegħa: kumpens ta' kuljum doppja,

— aktar minn erba' u ħamsin siegħa izda mhux aktar minn sittin siegħa: il-kumpens ta' kuljum darbtejn u nofs,

— aktar minn sittin siegħa izda mhux aktar minn tmienja u sebgħin siegħa: kumpens ta' kuljum trippla,

— aktar minn tmienja u sebgħin siegħa izda mhux aktar minn erba' u tmenin siegħa: il-kumpens ta' kuljum tliet darbiet u nofs, u wieħed ikompli b'dan il-mod.

Metodu tal-kalkolu tat-tul

Is-sigħat li jitqiesu biex tinħadem il-kumpens ta' kuljum huma:

— għall-ivvjaġġar bl-arju: inklużi sagħtejn qabel it-tluq tat-titjira u sagħtejn wara l-wasla tat-titjira,

— għall-ivvjaġġar bil-ferrovija: inklużi 0,5 siegħa qabel titlaq it-trejn u 0,5 siegħa wara li tasal it-trejn.

L-ispejjeż koperti

Il-kumpens ta' kuljum għandha titħallas bħala ammont b'rata fissa u tqis li tkopri l-kolazzjon, żewġ ikliet ewlenin u l-affarijiet l-oħra kollha, il-mezzi tat-trasport kif jistipula l-punt 1,5 u l-ispejjeż tal-istrumenti tat-telekomunikazzjoni.

▼B

L-ammont tal-kumpens ta' kuljum

L-ammont tal-kumpens ta' kuljum għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu I tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1066/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006 li jadatta mill-1 ta' Lulju 2006 l-iskala applikabbli għall-missjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej fl-Istati Membri ([1]).

III. **SPEJJEŻ TAL-LUKANDA**

Il-limitu massimu għall-ispejjeż tal-lukanda għandu jinħadem skont l-Artikolu 1 tar-Regolamnet (KE, Euratom) Nru 1066/2006.

▼M1

IV. **OHRAJN**

Jekk l-għadd massimu ta' parteċipanti ma jintlaħaqx, iżda minimu ta' għoxrin parteċipant mil-Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali jkunu attendew is-sessjoni ta' ħidma jew l-attivitajiet ta' taħriġ, il-Kummissjoni għandha taċċetta li massimu ta' tliet parteċipanti mil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni jistgħu jirċievu l-kumpens ta' sussistenza ta' kuljum, skont it-tul tal-attendenza tagħhom fis-sessjoni ta' ħidma jew fl-attivitajiet ta' taħriġ.

Il-Kummissjoni ma għandhiex tirrimborża l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' lukandi ta' dawk it-tliet parteċipanti, sakemm is-sessjoni ta' ħidma jew l-attivitajiet ta' taħriġ ma jsirux f'belt differenti minn dik tal-laboratorju ta' referenza.

Barra minn hekk, il-ħlas tat-tali kumpens ta' sussistenza ta' kuljum kif ukoll tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' lukandi għandu jsir biss meta l-għajnuna finanzjarja massima tal-Unjoni ma tinqabiżx.

([1]) ĠU L 194, 14.7.2006, p. 1.